MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tat-22 ta' Settembru, 2005

Talba Numru. 1718/2002

**Bank of Valletta p.l.c.**

**Vs**

**Nazzareno u Josephine mizzewgin Barbara**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz fejn il-bank attur talab il-hlas ta’ hames mija u tnejn u disghin lira Maltin (Lm592) import ta’ tmien (8) kambjali migbuda mis-socjeta’ Dacia Motors (Malta) Limited u ggirati u fil-pussess tas-socjeta’ mittenti liema kambjali huma skaduti u mhux imhallsa.

Ra r-Risposta tal-konvenuti fejn fl-ewwel eccezzjoni qalu li l-ammont in kwistjoni huwa mhallas kollu.

Fit-tieni eccezzjoni l-konvenuti qalu li kienu ssaldaw il-kont kollu mill-vendituri fit-8 ta' Dicembru, 1998 u kellhom jircievu lura l-kambjali relattivi wara l-hlas.

Fit-tielet eccezzjoni qalu illi fil-kawza ghandhom jissejjhu l-Kavallier Joseph M Scicluna personalment u d-ditta tieghu Dacia Motors (Malta) Limited sabiex iwiegbu ghat-talbiet tar-rikorrent.

Fir-raba' eccezzjoni l-konvenuti qalu li mhux gust li jergghu jhallsu l-prezz tal-vettura li huma ilhom li hallsu xi tlett snin u nofs ilu.

Ra d-dokumenti esebiti.

Ra l-Affidavit ta' Nazzareno Barbara fejn jghid illi fl-1997 kien xtara vettura minghand il-kumpanija Dacia Malta Ventures Limited bi prezz ta' tlett elef mitejn u hamsin lira Maltin (Lm3,250) u hallas elf u mitejn lira Maltin (Lm1,200) akkont. Ghalhekk il-konvenuti ffirmaw il-kambjali fuq il-bilanc ta' elfejn u tnejn u sebghin lira Maltin (Lm2,072).

Jghid illi huma kienu diga' hallsu tmien (8) kambjali sa meta d-ditta bidlet isimha ghal Dacia Motors (Malta) Limited u ghalhekk kien ghad fadal tmienja u ghoxrin (28) kambjala. Jghid illi normalment meta kienu jhallsu, d-ditta kienet tibghat lura l-kambjala izda kien hemm drabi li ma baghtithomx. Jikkonferma li l-ammont kien gie mhallas kollu u qabel iz-zmien miftiehem f'inqas minn sentejn ghaliex kienu ffrankaw xi mghaxijiet. Nazzareno Barbara jghid illi s-somma kollha mhallsa f'pagament hija ta' tlett elef sitt mija w erbgha u sittin lira Maltin (Lm3,664) inkluzi l-imghax.

Jghid illi meta riedu jaqilbu r-registrazzjoni tal-vettura, d-ditta Dacia Motors (Malta) Limited kienu ghamlu dikjarazzjoni li l-istess konvenuti hallsu l-ammont kollu u ghalhekk il-vettura setghet tinqaleb fuq ismu.

Ra x-xhieda ta' Josephine Barbara fejn tikkonferma li qal zewgha.

Ra d-dikjarazzjoni maghmula mid-ditta Dacia Motors (Malta) Limited fejn tikkonferma li l-konvenuti kienu hallsu kollox.

Ra l-Ittra minn Daewoo Malta Limited indirizzata lill-Bank of Valletta fejn tghid illi l-konvenuti m'ghandhom l-ebda ammont *outstanding*.

Ra d-dokument a fol 45 tal-process fejn Dacia Malta Ventures Limited bidlet isimha ghal Dacia Motors (Malta) Limited.

Ra x-xhieda ta' Jean-Karl Portelli li huwa desk officer mar-Registry of Company fejn jikkonferma li Dacia Motors (Malta) Limited hija fi stat ta' likwidazzjoni. Jghid ukoll illi l-istess kumpanija ma kellhiex isem iehor qabel.

Ra x-xhieda ta' Robert Ebejer li huwa likwidatur tas-socjeta' Dacia Motors (Malta) Limited fejn jghid illi bhalissa ma jista' jaghmel l-ebda xoghol billi m'ghandu l-ebda dokument.
Ra x-xhieda ta' Stephen Muscat li kien manager tal-Bills Unit mal-Bank of Valletta fejn jghid illi l-istess bank kien izomm il-kambjalijiet tal-konvenuti. Muscat jghid illi l-ftehim mal-kumpanija kien li din kellha tavza lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-Bank of Valletta.

Jiftakar li kien ircieva l-Ittra minghand id-Daewoo izda ma jiftakarx jekk kienx irrisponda.

F'xhieda ohra Muscat jghid illi kien baghat Ittra lill-Kavallier Scicluna fejn infurmah li skond il-bank, il-konvenuti ma kienux hallsu l-ammont dovut lilhom skond il-*bills discounting accounts*. Jghid illi l-kambjalijiet li marru il-bank kienu tmienja (8) li ghadhom pendenti sal-lum il-gurnata.

Ra x-xhieda tal-Kavallier Joseph M Scicluna li huwa Chairman tad-ditta Dacia Motors (Malta) Limited fejn jikkonferma li l-konvenuti hallsu kollox u ghalhekk il-vettura kienet giet taht regulation 25.

Jikkonferma wkoll illi kien ikun hemm xi drabi fejn il-klijenti jmorru jhallsu u jdumu xhur jistennew il-kambjali lura minhabba li dawn ikunu l-bank.

Jghid illi meta gieli siefer kien ihalli l-karti ffirmati lesti sabiex ituhom lin-nies li jkunu marru jhallsu. Jerga' jikkonferma li biex il-bank jibghat il-kambjali jghaddu xhur twal. Scicluna ghalhekk jghid illi jista' jkun li ghad fadal xi kambjalijiet ghand il-bank.

Meta Scicluna ra d-dokumenti a fol 37 tal-process qal li dawn l-ircevuti ma kienux tieghu izda ta' Gaffarena li hu m'ghandux x'jaqsam. Jghid illi hu kien biegh id-ditta lil Joe Gaffarena u ghalhekk din il-vettura nxtrat minghand l-istess Gaffarena.

Ra x-xhieda ta' Dr Andrew Chetcuti Ganado li jidher ghal Paola Motors Limited fejn jghid illi m'huwiex likwidatur ta' Dacia Motors (Malta) Limited. Jikkonferma li zmien ilu kellu laqgha mal-konvenut fil-Bank of Valletta, Park Towers. Jghid illi l-kambjalijiet kienu *bills discounted* jigifieri *bills* li gew skontati mill-bank fuq facilitajiet bejn il-bank u s-socjeta' w allura r-relazzjoni tibqa' bejn il-bank u l-konvenut.

Jikkonferma wkoll illi m'ghandu x'jaqsam xejn dwar il-*bill discounted*. M'ghandu l-ebda dokument in konnessjoni mal-laqgha li kienu ghamlu mal-konvenut.

Ra n-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-bank attur fejn l-istess bank ghamel referenza ghal diversi sentenzi fosthom **Aldo Vella noe Vs Vincent Lofaro pro et noe**, **Louis Galea noe Vs Alfred Bartolo**, **Dr Franco DePasquale noe Vs Paul Gladwich**, **Dr Giovanni Bonello noe Vs Joseph Farrugia pro et noe**, **Antoine Vassallo pro et noe Vs Tatchev Mary Spiteri et** u **Bank of Valletta plc Vs Carmen A Micallef**.

Fil-kawza **Bank of Valletta plc Vs Carmen A Micallef - PA 18/2/2004** gie ddikjarat:

“Meta kambjala tigi girata, t-terz possessur ghandu dritt jagixxi fuq dak li jidher *on the face* tal-kambjala. Kambjala girata takkwista ezistenza awtonoma u titqies bhala obbligazzjoni fiha nnifisa ndipendenti mill-obbligazzjoni li waslet ghall-hrug taghha.”

Il-konvenuti jsostnu li huma gabu provi li hallsu l-kambjali u li dan it-Tribunal ghandu jiddeciedi l-kwistjonijiet principalment skond l-ekwita’. Il-konvenuti jaghmlu referenza ghal Torrente li jghid:

“Ammesso il ricorso all equita, il giudice non puo far prevalere la sua concezzione personale ma deve ispirare a quelle accolte nel ordinamento vigente e ricercare per tanto, come si sarebbe comportato il legislatore se avesse potuto prevedere il caso.”

Illi dan it-Tribunal ma jemminx li l-Parlament irid li l-kambjali jitilfu s-sahha li ghandhom ghaliex huma strument necessarju ghall-kummerc.

Illi l-konvenuti jghidu wkoll li huma kienu hallsu lis-socjeta’ minfejn huma xtraw il-vettura u dan gie kkonfermat mill-istess socjeta’. Illi f’dan l-istadju l-bank suppost kellu jibghat lura l-kambjali u mhux jippretendi hlas mill-gdid.

Illi m’hemmx dubju li minn jeccepixxi hlas irid jipprova tali hlas u li hu hallas lil min suppost kellu jhallas.

Il-kambjali originali baqghu fil-pussess tal-bank. Minkejja dan, il-konvenuti gabu provi li huma hallsu:

- Affidavit ta’ Nazzareno Barbara fejn jikkonferma li hallas lil Dacia Motors (Malta) Limited.

- Dikjarazzjoni minn Daewoo Malta Limited li tikkonferma li sar il-hlas il-fatt li nghata l-permess biex il-karozza tinqaleb fuq isem il-konvenut u ma tibqax taht ir-regolament 25.

Illi fid-9 t’April, 2001 il-bank attur talab il-hlas ta’ ghaxar (10) kambjali. Illi l-konvenuti, permezz ta’ l-avukat

taghhom, kienu baghtu Ittra fejn allegaw li kienu hallsu u kienu baghtu kopji ta' dikjarazzjonijiet minn Daewoo Malta Limited fis-sens li l-ammont dovut mill-konvenuti kien saldat.

Illi f'Novembru 1998 il-konvenuti kienu ffirmaw dokument a fol 63 tal-process. Illi skond dan id-dokument il-konvenuti kkonfermaw li saru jafu li t-tmien (8) kambjali ffirmati minnhom kienu se jghaddu favur il-bank attur u kkonfermaw li:

"We consequently acknowledge that once discounted, these bills of exchange can only be discharged by **Bank of Valletta Limited,** to whom we will remit payment directly on a monthly basis by standing order."

Illi f'dan il-waqt il-konvenuti kellhom l-obbligu li jhallsu lill-bank attur u mhux lil Dacia jew lil xi hadd iehor. Wara Novembru 1998 il-konvenuti kellhom l-obbligu li jhallsu lill-Bank of Valletta. Il-konvenuti ma gabux prova ta' hlas lill-bank.
L-ahhar ircevuta esebita mill-konvenuti hija datata 4 t'Ottubru, 1998. F'Novembru 1998 il-konvenuti ffirmaw dokument fejn accettaw li kien hemm tmien (8) kambjali ohra u li kellhom ihallsu lill-Bank of Valletta ghal dawn il-kambjali. Jekk il-konvenuti hallsu kollox qabel Novembru 1998 ma kienux se jiffirmaw id-dokument a fol 63 tal-process.

Ghaldaqstant il-konvenuti ma gabux provi ta' hlas skond il-ligi.

Ghaldaqstant jichad ir-Risposta tal-konvenuti u jikkundanna lill-istess konvenuti sabiex ihallsu lill-bank attur is-somma ta' hames mija u tnejn u disghin lira Maltin (Lm592) bl-imghax kif mitlub u bl-ispejjez. B'riserva favur il-konvenuti ghal kull dritt li jista' jkollhom kontra terzi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------